**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Jannar 2020.**

**Rik Gur : 274/2019 AGV**

AB (4976976M)
Vs
Avv Joseph Brincat u PL Madeleine Firman bhala kuraturi deputati ghall-assenti CDB (103296A).

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attriciipprezentat fis- 16 ta' Dicembru 2019;

Illi permezz tar-rikors odjern l-esponenti qed titlob rispettosament lil dina l-Qorti joghgobha tordna l-waqfien tal-komujoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-hajja matrimonjali ta' bejn il-parijtijiet ntemmet ftit tal-gimghat wara z-zwieg taghhom fejn l-intimat abbanduna kemm daz-zwieg u kif ukoll lil Malta. Infatti l-intimat issa ilu snin twal nieqes minn dawn il-Gzejjer u r-rikorrenti, ma ghandha ebda hjiel dwar fejn jinsab l-intimat.

Illi fl-dal kaz certament l-waqfien tal-komunjoni qabel tigi biex tkun deciza dil-kawza ma ghandu jwassla ghal ebda pregudizzju mhux proporzjonat.

Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost l-esponenti umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kif ikkontemplat fl-artiklu 55 tal-Ligijet ta' Malta;
2. Tordna li is-sentenza relattiva tigi notifkata lid-direttur tar-Registru pubbliku b' dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Qorti jidhrilha xieraq u opportuni.

U dan taht kwalsiasi provvediment li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

**Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr. Joseph Brincat u PL. Madeline Firman datatat 30 ta' Jannar 2020:**

Illi ghalhekk huma mhux dedotti mill-fatt u mhux possibbli li jkunu jafu izjed, ikollhom jirrimettu ruhhom ghall-provi li ggib l-attrici.

Illi dwar l-abbandun fis-sens tal-Ligi, jista' biss jirrizulta minn min jaf lill-partijiet u l-kuraturi ma jistghux bl-ebda mod jikkontrollaw tali fatti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti, b' dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f' dina s-sentenza.

L-ispejjez ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**